MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 461/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Paul Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 t'Ottubru, 2009 ghall-habta tad-09.00 hrs, gewwa l-fond Blk D, Flat 1, Binja tal-Gvern, Triq il-Laqxija, B'Kara, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixxkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor billi fixkel lil martu Carmela Micallef mill-pussess ta' hwejjigha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Dicembru, 2009, li biha, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal multa ta’ mitt Euro (€100) b’dan illi l-appellant ghandu jnehhi l-katnazz fi zmien gimgha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w b’hekk tillibera lill-appellant minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellant ma jifhimx kif huwa nstab hat ital-akkuza dedotta kontra tieghu u dana ghaliex mill-provi effettivament qatt ma sehh xejn hazing fis-27 t’Ottubru, 2009. Illi l-kwerelanti xehdet li l-kwistjoni sehhet f’Gunju 2009. Illi l-Ewwel Qorti bl-aktar mod inkwetanti kkumentat qabel ma tat is-sentenza lid an kien ghaliha reat kontinwat u dana minkejja l-kumment li ghaddiet id-difiza li ladarba ma kienx hemm aktar minn data wahda indikata fl-akkuza izda kien hemm biss data w anke hin specifiku ma setghetx tinstab htija, l-Ewwel Qorti xorta imbaghad ghaddiet biex issib htija. Illi l-appellant jikkontendi b’qawwa li (i) dina l-materja gia kienet trattata f’kawza ohra fuq l-istess fatt identiku u (ii) jekk xejn ma rrizultax li dakinhar tal-jum u hin indikat fl-akkuza sehh xi haga rregolari. Illi ghalhekk indubjament, skond dettami penali elementari, l-appellant kellu b’kull rispett jigi lliberat minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat :

L-aggravju principali tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mismughha. Dana l-ghaliex l-appellant hu akkuzat b’data partikolari u hin

partikolari meta fixkel lill-martu Carmela Micallef mill-pussess ta' hwejjigha.

Irrizulta illi bejn l-appellant u martu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni b'incidenti li ta' spiss jinqalghu bejniethom u anki saru rapporti l-ghassa tal-Pulizija.

Din il-kawza hija sforz wiehed minn dawn ir-rapporti meta fis-27 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' 10.48 hrs Carmela Micallef irrapurtat l-ghassa tal-Pulizija illi qeghda f'kawza ta' separazzjoni ma' zewgha w allegat illi zewgha sakkar il-kamra tas-sodda w in-negalha access ghall-hwejjigha w ta' uliedha. Ghal xi raguni l-appellant gie akkuzat illi proprju dak in-nhar fis-27 t'Ottubru 2009 ghall-habta tad-9.00 ta' filghodu, biex jezercita dritt illi jippretendi li ghandu fixkel lill-martu mill-pussess ta' hwejjigha.

Martu pero` xehdet illi l-appellant hareg mid-dar konjugali f'Marzu 2010 u dak inhar illi kienet qeghda tixhed quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2010 qalet illi ghandha access ghad-dar kollha. L-incident illi dwaru marret tirraporta l-ghassa sar f'Gunju 2009.

Il-Qorti jidhrilha li din id-dikjarazzjoni hija importanti hafna l-ghaliex l-appellant huwa akkuzat b'data specifika w hin partikolari, kwindi biex l-akkuza tirnexxi jrid jigi ppruvat, minghajr dubju dettat mir-raguni, illi l-appellant fixkel lill-martu fil-pussess ta' hwejjigha dak inhar fis-27 t'Ottubru 2009.

Din il-Qorti jidhrilha illi din l-akkuza ma gietx ippruvata, bid-dikjarazzjoni tal-parti leza Carmela Micallef illi l-katnazz sar f'Gunju 2009 innega ghal kollox l-akkuza odjerna.
Dana l-ghaliex id-data hija wahda mill-elementi essenzjali sabiex jissussisti r-reat ta' raggon fattasi. Almenu jekk ma jkunx hemm data partikolari, jista' jkun hemm zmien generiku f'xahar partikolari. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ghazlet illi tinkludi data partikolari u hin partikoli li rrizulta illi f'dawk id-dati indikati ma sar xejn. Kwindi din il-Qorti ma tistax issib htija peress illi l-parametri tal-akkuza ma jistghux, f'dan l-istadju, jigu varjati.

Il-Qorti ghalhekk tilqa' l-aggravju tal-appellant, thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu u tilliberah mill-kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------